MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CAROL PERALTA

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2014

Numru. 895/2009

**PULIZIJA**
**SPETTUR SANDRA ZAMMIT**

**VS**

**LUDWIG DIMECH**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Ludwig Dimech, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 135683M.

**Akkuzat talli:**

Fis-sbatax (17) ta` Lulju, 2009, ghal habta ta` nofsinhar u nofs (12:30pm) gewwa Triq l-Imdina, Haz-Zebbug, ikkommetta hsara volontarja fuq il-vettura tal-ghamla Toyota Vitz bin-numru tar-registrazzjoni MDM 222, a detriment ta` David u Marianne Mallia, liema hsara ma teccedix l-elf mija

u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69), izda teccedi l-mija u sittax –il ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47),

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament ikkaguna lil Chantelle Azzopardi griehi ta` natura hafifa skont kif iccertifika Dr. Carmel Causon, M.D., tal-Polyclinic tal-Furjana.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkaguna lil Chantelle Azzopardi u lil David Mallia biza` li ser tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-propjeta` taghhom.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebb kontra Chantelle Azzopardi sabiex jingurjaha, idejjaqha jew jaghmilla hsara.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u glied.

U aktar talli fis-sbatax (17) ta`Lulju, 2009, ghal habta ta` nofsinhar u nofs (12:30pm) f'dawn il-gzejjer, naqas milli jhares diversi kundizzjonijiet impost fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) b'digriet li bih inghata l-helsien mill-arrest.

Il-Qorti giet gentilment mitluba, meta jidhrilha xieraq, biex tipprovdi ghas-sigurta` tal-persuna ta` haddiehor jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-hati b'obbligazzjoni tieghu innifsu taht penali ta` somma ta` flus li tigi ffissata mill-Qorti.

**Il-Qorti:**

Wara li rat il-provi kollha prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li rat l-Artikoli 221, 251 (b), 339 (d), 338 (dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta u l-Artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti qieghda ssib lill-imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien

sena (1) mil-llum ai terminu tal-Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta.

Din il-Qorti tobbliga wkoll lill-istess imputat biex izomm il-kwiet u l-bonordni pubbliku fejn fin-nuqqas ghandu jhallas is-somma ta` mitejn ewro (€200) effittivament ghall-perjodu ta` zmien sentejn (2) ai terminu tal-Artikolu 383 (1) tal-Kodici Kriminali.

Dina l-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------